*mal-15 fil-mija li jaslu 'l fuq minn dik l-età. Dana ġara u aktarx għad jiġri minħabba n-nuqqas ta' mard li jittieħed, il-metodi ġodda tas-sanità u tal-kura fis-saħħa tal-bniedem, il-kondizzjonijiet tajba f'postijiet profesjonali u industrijali u l-ikel tajjeb. Iżda mill-banda l-oħra xi xjenzjati oħra jaħsbu illi minħabba l-mard tal-qalb, tumuri u dijabete, li bihom il-ġe-nerazzjoni tal-lum qiegħda tbati b'għadd kbir, il-ħajja tal-bniedem għad terġa' tiqsar bħalma kien żmien ilu.*

*Fi ħwejjeġ oħra nsibu li d-dinja tbiddlet mhux ftit, fost dan it-tibdil ġdid, naraw tibdil kbir fil-mentalità u fl-istat edukattiv tal-ġenerazzjoni l-ġdida sa mill-bidu ta' dan is-seklu 'l hawn. L-injoranza, mal-progress taċ-ċiviltà u bil-vantaġġi tar-relazzjo-nijiet mad-dinja kollha b'riħet il-ħeffa tat-trasport bl-art, bil-baħar u bl-ajru, bil-ftit il-ftit qiegħda tgħib minn fostna. Xi tme-nin sena ilu kont issib tifla, xebba jew mara ta' nies għonja, kif ukoll ta' nies imnisslin minn razza nobbli, bniet ta' professjonisti li ma kienu jafu lanqas jiktbu isimhom, irabbuhom għall-faċendi tad-dar biss,—iżda l-lum qajla ssib tifla, ukoll tar-raba', li ma tafx taqra u tikteb għallinqas bil-Malti. It-tixrid tat-tagħ-lim, biż-żieda ta' skejjel fiż-żewġ Gżejjer ta' Malta minn xi sit-tin sena 'l hawn, kull ma jgħaddi ż-żmien iżjed qiegħed jikber fost il-popolazzjoni. Il-qari sew bl-Ingliż kemm bil-Malti sar ħaġa, tista' tgħid, tal-biċċa l-kbira tal-ġenerazzjoni l-ġdida, u fost il-ġurnali l-iktar li ssib li jinqraw huma dawk stampati bil-Malti. U la ġejna f'dan il-lum aħna għandna għalfejn niftaħru illi l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti *kellha sehem kbir f'dil ħaġa f'dawn l-aħħar tletin sena. Il-Malti li flimkien mal-lingwa uffiċjali ta' l-Imperu kellu dan l-aħħar il-privileġġ, bis-sistema ta' kitba tal-*Għaqda, *li jidħol fl-Iskejjel, fl-amministrazzjoni fil-Qrati, u fl-Attijiet Leġislativi, ħa sehem mill-ikbar fil-bidla tal-fiżonomija intel-lettwali tal-poplu ta' Malta—ħaġa li tolqtok mhux ftit meta tħares lejn is-snin ta' qabel li għaddew minn fuq il-ħajja ta' nies li għaxet fi dlamijiet tal-moħħ li maż-żmien iċċaraw u għabu għal kollox maż-żerniq tal-ġurnalizmu u tat-tagħlim popolari. Nistgħu ngħidu li fuq hekk dari konna aħjar mil-lum?!*



## IL-ĦAJJA U JIEN

*Ta'* Ġużè' Chetcuti

Ħajja! ħabbejtek das-snin kollha
u jien u int għexna ħafna flimkien,
għaddejna t-tnejn minn qalb il-ġonna mwarrda,
minn ġo l-irdumijiet u mill-widien.
Fil-ferħ u l-paċi ta' tfulija,
għaddejna niġru t-tnejn id f'id,
u meta feġġet iż-żgħużija, skirna
bit-tazza tal-pjaċir u ta' l-inbid.
Bqajna' dejjem bħal ħbieb l-iktar ta' ġewwa,
għalkemm minn fuqna għadda ż-żmien maħrub,
sibna fit-triq l-għolliq wix-xewk li jwaġġa'
'ma sibna wkoll il-ward l-iżjed maħbub.
Ħajja! ħabbejtek wisq u nibqa' nħobbok,
ma nafx kif qatt għad irid jiġi żmien
li jien u int ninfirdu — meta mbagħad jasal
naqbad it-triq li twassal għall-ħelsien.

## FIL-PALK TAL-ĦAJJA

*Ta'* Ġużè' Chetcuti

Il-ġieħ u l-għana bħal fjur sabiħ
Xħin jiġu għandek, jgħibu mar-riħ.

Għax f'din id-dinja wieqaf m'hawn xejn,
Bħal rota miexja bin-nhar, bil-lejl.

Kollox bil-kalma bħal sienja jdur,
Kull ħin jiċċaqlaq, jiġi u jmur.

Wara t-tgawdija jitfaċċa l-ġlied,
Kull m'hawn madwarna, isir irmied.

Ġol-palk tal-ħajja, qabda mwerwrin,
Qishom fantażmi jiġru l-bnedmin.